FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

*SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

## GUDIKATUR: DR JOSEPH BONNICI LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 7 TA' MEJJU, 2002

**Numru: 15**

**Avviz Nru: 1475/01 JB**

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' estera CGU Insurance Plc hekk kif surrogati fid-drittijiet tas-assikurat taghhom Frank Agius sija bil-polza u sija bil-ligi.**

**vs**

**Paul Camilleri**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' Lm1447.10c ( elf erba' mija u sebgha u erbghin lira Maltin u ghaxar centezmi) rapprezentanti danni kagunati f'incident awtomobilistiku tal-11 ta' Settembru, 1999, f'Regional Road Roundabout, Gzira, bejn il-vettura bin-numru ta'

registrazzjoni AAB 309 misjuqa mil-konvenut u l-vettura numru CBB 134 misjuqa minn Frank Agius, l-assikurat tas-socjeta' attrici, liema incident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas t' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-8 ta' Gunju, 2000, u dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma' l-Avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, u bl-imghax dekorribbli mit-8 ta' Gunju, 2000, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn il-konvenut ecepixxa, li ma kien bl-ebda mod responsabbli ghall-incident stradali msemmi fl-Avviz fuq citat stante li ghall-incident 'de quo' kien unikament responsabbli s-sewwieq tal-vettura CBB 134 u dan minhabba negligenza da parte biss ta' dan is-sewwieq ta' CBB 134.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Ikkonsidra

Illi din il-kollizzjoni si tratta ta' habta fuq ir-roundabout tal-Kappara, fi traffiku intens minhabba xogholijiet infrastrutturali li kienu qeghdin isiru fl-akkwati. T-traffiku kien miexi bil-mod l-isfel, dejjem jidjieq bis-singjozz kull vettura tidhol fl-ispazju li jigi krejat mid-diversi direzzjonijiet.

Sia Frank Agius – l-assigurat tas-socjeta' attrici u sia martu Marianne Agius xehdu li hekk kif gew biex jaqbdu l-bicca t'isfel tar-roundabout gew investiti minn truck misjuq mill-konvenut f'dik il-parti li taghlaq (vide seduta 19 ta' Frar 2002 u 9 t'April 2002).

Il-konvenut da parti tieghu xehed fis-seduta tad-19 ta' Frar 2002 li huwa lanqas biss induna bil-vettura l-ohra. Kien fuq il-lemin, six-wheeler tripper truck, roti gholjin metru. L-vettura t'Agius qatt ma seta jaraha lanqas mill-mirja. Pero' x-xhieda tieghu hija ferm illuminanti. F'dak it-traffiku, b'dak il-monstrorita ta' vettura, kien mohhu fi, u kapaci li joqghod 'jaqbez' vetturi ohrajn. Anzi ried jigbed lejn il-lemin – u rrnexxielhu u ghalfejn? Biex ikun jista jimmanuvra ahjar u jiskapula t-trenching works fuq ix-xellug.

Illi sabiex jinqeda hu, mhux talli kien mohhu biex jimmanuvra l-enormita ta' vettura izda ma kienx attent ghall-mittenti l-ohra fi triq. Tant hu hekk illi, meta z-zewg vetturi habtu, lanqas biss induna. Kienu l-haddiema fit-triq li atterawlu l-attenzjoni ghas-sinsitru. Dana gie minnu mistwarr lil pulizija nvestigattiv u rizultanti anki fl-iskizz.

Illi t-Tribunal ma jirraviza l-ebda nuqqas fis-sewqan t'Agius mill-liema qed jigi skoplat.

Illi relattivament ghad-danni fl-ammont ta' Lm1447.10c (elf erba' mija u sebgha u erbghin lira Maltin u ghaxar centezmi), dawn ma gewx kontestati u qed jigu accettati.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici, jichad l-eccezzjoniet tal-konvenut, jiddikjarah unikament responsabbli ghall-incident 'de quo', jillikwida d-danni fis-somma ta Lm1447.10c (elf erba' mija u sebgha u erbghin lira Maltin u ghaxar centezmi) u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-istess somma.

Bl-ispejjez u bl-interessi kif mitluba kontra l-istess konvenut.

**Dr Joseph Bonnici**
**Gudikatur**